**23 ta' Marzu, 1990**

**Imħallef: -**

**Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.**

Kevin Agius

*versus*

Colin Murphy *noe*

**Danni – Korriment fuq Xogħol – Korriment Personali – Disabilità Permanenti – Responsabbiltà – Likwidazzjoni ta' Danni**

*Kawża fejn l-attur fittex għal u rnexxilu jirbaħ danni konsegwenti għal korriment personali meta kien qed jaħdem fuq rig f'Gela, Sqallija.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

L-att ta' ċitazzjoni ppreżentat jgħid:

Peress illi l-attur Kevin Agius kien involut f'inċident fl-4 ta' Lulju 1988 fejn huwa minħabba ċ-ċirkostanzi ħżiena ta' l-*Oil Rig*, żelaq ġo *shaft* tul żewġ sulari u nofs fuq l-imsemmi *Oil Rig* ġewwa Gela fi Sqallija;

Peress illi tali inċident ġara tort unikament tal-konvenut;

Peress illi minħabba fl-inċident in kwistjoni l-attur sofra danni konsiderevoli, inklużi danni kbar fuq il-persuna tiegħu

ta' natura permanenti u dan kif jirriżula mill-anness ċertifikat mediku tat-tabib Carmel Apap Bologna M.D. F.R.C.S. F.R.C.S.E tal-11 ta' Awissu 1988 immarkat bħala Dok. A;

Peress illi l-konvenut interpellat biex jersaq għal likwidazzjoni tad-danni baqa' inadempjenti;

Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli għad-danni kkaġunati lill-attur minħabba l-inċident fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi u

3. Tikkundanna l-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati lill-attur;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax. Il-konvenut jinsab inġunt għas-subizzjoni;

Kien hemm xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari u aktarx kjarifikatorji li wara li saru l-preċisazzjonijiet neċessarji ġew superati u ma hemmx għalfejn jidħlu f'din is-sentenza;

A. L-eċċezzjoni prinċipali tas-soċjetà konvenuta tgħid illi hija mhix responsabbli għal dak li ġara, li ssuċċeda għaliex l-attur ma kienx attent biżżejjed fuq xogħlu, naqas li jagħlaq il-*"hatch"* li minnu kienu għadu kif tela', u kif kien istruwit li għandu jagħmel u b'hekk meta waqa' baqa' nieżel minn fejn kien tela';

Fil-folji 34, 35 u 36 ġew esibiti tliet skizzi li jgħinu ħafna biex wieħed jifhem dak li ġara;

L-attur bħala "*roustabout*" impjegat mas-soċjetà konvenuta fuq wieħed mir-*rigs* tagħha li jħaffru għaż-żejt, fl-4 ta' Lulju 1988, tela' mis-sellum magħluq li jidher fl-iskizz fol. 35 biex jisbokka fuq pjattaforma tal-ħadid li l-art tagħha hija fformata minn gradilja – fol. 36 – biex minn fuq din il-pjattaforma jkun jista' jillubrika – biż-żejt u l-*grease* partijiet minn *crane* li l-pjattaforma *ddur madwaru. Meta jasal fil-livell tal-pjattaforma,* min ikun tela' s-sellum, billi l-bokka tas-sellum hija parti mill-istess art tal-pjattaforma – kif ikun *trapdoor* il-bokka għandha bieba li tagħlaqha, f'form ta' gradilja li għalhekk tiġi tifforma parti mill-art tal-pjattaforma;

L-inċident ġara billi l-attur, wara li tela' s-sellum u ħareġ fuq il-pjattaforma – f'xi mument – waqa' u baqa' nieżel mill-bokka tas-sellum għal isfel;

Il-Qorti studjat bir-reqqa l-provi u n-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet biex tara fejn qiegħda r-responsabbiltà ta' dak li ġara;

L-ewwel fattur importanti li jrid jiġi kkunsidrat huwa dak li jirrigwarda l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tistruwixxi lill-ħaddiema ta' kif għandhom jaħdmu, x'inhuma l-insidji tax-*xogħol tagħhom u x'għandhom jagħmlu* biex jevitawhom;

Fuq dan il-fattur saret din il-prova minn Nazzareno Polidano:

"…..L-istatus tiegħi hu li jiena nordna t-tliet *roustabouts* li qegħdin taħti…..;

Kevin Agius kien ilu eżattament tliet ġimgħat magħna. Lill-attur jien istruwejtu fix-xogħol kollu tiegħu. Lir-*roustabouts issirilhom darba fil-ġimgħa bil-fors, safety meeting – meetings* ta' istruzzjoni. Dawk iridu bil-fors jattendu kollha għalih, għax jekk ma jitfaċċax xi wieħed, immur għalih apposta. Il-*meetings* lir-*roustabouts* nagħmilhom jiena, u dan barra *meeting* fil-ġimgħa li jagħmel il-kaptan. Jiġifieri meta nagħmel il-*meetings* jiena nitkellem tant bil-malti u tant bl-ingliż. Kevin Agius kien jifhem bil-malti u bl-ingliż";

Din il-prova tas-soċjetà konvenuta ma ġietx ikkontestata. Meta l-attur in kontra eżami ġie mistoqsi jekk, meta kien tiela' biex jillubrika t-tieni *crane* "….. il-persuna li bagħtitek tagħtek istruzzjonijiet speċifiċi dwar it-*trap-door* u partikolarment li **kellek tagħlqu qabel** tibda taħdem?" l-attur irrisponda li ma jiftakarx;

Ma jirriżulta minn imkien għalhekk li s-soċjetà konvenuta naqset f'dan l-ewwel obbligu tagħha;

B. Naturalment dak li jinteressa l-aktar il-kawża hija proprju din l-istruzzjoni speċifika li għadha kif issemmiet – ċjoè li attur kellu jagħlaq il-bieba tas-sellum u b'hekk jagħlaq il-bokka tiegħu, qabel jibda jaħdem – għaliex l-inċident ġara proprju għaliex din il-bieba, wara li l-attur kien tela' fuq il-pjatta forma, kienet għadha ma ngħalqitx;

Issa l-attur xehed:

"Nippreċiża illi jiena kelli niggreasja l-*pin/nozzle* fil-*crane*, u din in-*nozzle*, malli jdur il-*crane*, tiġi eżatt fuq it-toqba tat-*trap-door*";

Li tingħalaq il-bokka tas-sellum għalhekk mhux biss kienet istruzzjoni neċessarja għas-sigurtà tax-xogħol imma esiġenza fiżika biex isir ix-xogħol b'mod illi meta dan isir il-perikolu ta' waqa' minn din il-bokka kien neċessarjament eliminat;

Ċ. Il-mekkanika ta' l-inċident hija kollha konnessa ma' dan l-element ta' l-għeluq tal-bokka tas-sellum bil-gradilja;

Jgħid l-attur:

*Omissis;*

D. Minn din ir-rikostruzzjoni tal-Qorti – ir-responsabbiltà ta' dak li ġara għandha tiġi attribwita għan-negliġenza ta' l-attur li malli tela' fuq il-pjattaforma m'għalaqx il-bieba – gradilja tal-bokka ta' l-iskala li minnha kien għadu kif tela', u għall-imprudenza tal-kaptan li interpella lill-attur, kif interpellah u fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-mument – ċjoè interpellazzjoni kritika lill-ħaddiem ta' bla esperjenza – tista' tgħid li għadu fil-fażi ta' l-apprendistat, ta' età żgħira, f'post tax-xogħol li minnu nnifsu huwa eċċezzjonalment perikoluż – tant, infatti, li jirrikjedi li darbtejn fil-ġimgħa ir-*roustabouts* għandhom jattendu għal-laqgħat ta' istruzzjonijiet fuq is-sigurtà u fuq ix-xogħol. Il-kaptan kien jaf ben tajjeb dan kollu u naturalment – ma rrealizzax li ma kienx prudenti li f'dawk iċ-ċirkostanzi li jinterpella lill-attur għaliex b'hekk fixklu u ġara l-inċident. Missier tajjeb tal-familja li qed jittratta ma' iben ma

kienx – f'dawk iċ-ċirkostanzi – jagħmel bħal ma għamel il-kaptan għaliex kien ikun konxju mill-periklu enormi li l-bokka ta' l-iskala tippreżenta meta ma tkunx magħluqa; liema bokka huwa seta' induna mill-ewwel li l-attur ma kienx għalaqha – kif induna ftit wara u ma kienx kapaċi jagħmel b'mod li javża lill-attur, b'mod effiċjenti biżżejjed biex l-inċident jiġi evitat;

Għalhekk il-Qorti jidhrilha li r-responsabbiltà ta' l-inċident għandu jinqasam bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta;

E. Id-danni sofferti mill-attur jirriżultaw li huma ekwivalenti għal tletin fil-mija (30%) debilità permanenti tal-kapaċità lavorattiva ta' l-attur. Din id-debilità, kif deskritta mill-espert mediku, m'għandhiex taffettwa x-xogħol ta' l-attur bħala *waiter*. Bħala *roustabout* kien beda jaqla' tlett elef lira (Lm3,000) fis-sena. L-attur kellu prospett ta' ħajja lavorattiva ta' erbgħin sena u tletin fil-mija ta' dik il-paga, għal dak iż-żmien ifisser sitta u tletin elf lira (Lm36,000). Minn dawn, almenu għaxar telef (Lm10,000) lira għandhom jitqiesu li jitħallsu f'taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali oħra u billi l-attur għandu jbati nofs id-danni tiegħu stess – is-soċjetà konvenuta hija responsabbli li għar-risarċiment tan-nofs l-ieħor ċjoè tlettax-il elf lira (Lm13,000);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija in parti responsabbli għall-inċident li fih fl-4 ta' Lulju 1988 korra l-attur u dan f'sehem daqs dak ta' l-istess attur li kkontribwixxa għall-istess bin-negliġenza tiegħu; tillikwida d-danni li għandha tħallas is-soċjetà konvenuta lill-attur għan-nofs ta' dawk id-danni li huwa sofra fis-somma ta' tlettax-il elf lira (Lm13,000) u tikkundannha tħallsu dan l-ammont;

L-ispejjeż ukoll għandhom jinqasmu bejn il-partijiet.